# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 268/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**SA**

**vs**

**JA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SA datat 4 ta' Dicembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewgu fis-sebgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn (27/10/2000) u minn dan iz-zwieg twieldu żewġt t'itfal, NK li illum maġġorenni imma ghadha studenta u NY li ghadha minorenni;*

2. *Illi ż-żwieg ta' bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba l-vizzju tad-droga u azzard tal-konvenut, vjolenza u eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;*

3. *Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli;*

4. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 24 ta' Ottubru, 2019 (Ara digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

5. *Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;*

2. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

3. *Tordna l-kura u kustodja tal-minuri NY tkun fdata f'idejn l-esponenti, u sabiex l-esponenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għall-imsemmija wild NK u l-minuri NY u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidu li jibqgħu jistudjaw; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena*

*sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċji tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament, iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas arretrati manteniment ghal ulied NK u NY, kif ukoll l-ispejjez inkorsi mal-edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari u sahha taghhom;*

6. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, ħruġ tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm jkunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjeż ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

7. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, mhux necessarjat b'mod ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

9. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

10. *Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

11. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tgħix fid-dar matrimonjali 366, Ave Maria, Triq il-Kanun, Santa Venera ad esklużjoni tal-konvenut;*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha 'C';*

13. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha datat 11 ta' Marzu 2020, a fol 10 tal-process 268/2019 JPG;

Rat id-digriet taghha datat 4 ta' Marzu 2021 (vide process 268/2019/3JPG), li permezz tieghu l-intimat gie dikjarat kontumaci;

Rat id-digriet taghha datat 8 ta' April 2021, a fol 52 tal-process 268/2019 JPG;

Rat illi fis-seduta datata 17 ta' Novembru 2021, il-Qorti akkordat gimghatejn zmien sabiex l-intimat jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' SA datata 10 ta' Dicembru 2021;

**Ikkonsidrat:**

**Maria Caruana, rapprezentanta tal-Qorti ghall-Agenzija Caritas, xehdet nhar id-19 ta' Mejju 2021** ***(vide fol 116 et seq)*** u spjegat illi l-intimat beda kuntatt ghall-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fit-30 ta'Settembru 2015 izda ma kienx hemm kontinwita' u l-intimat attenda ghal sessjoni wahda biss. Kien hemm kuntatt kontinwu tul ix-xahar ta' Mejju 2016 f'sessjonijiet individwali li saru bejn il-5 ta' Mejju u t-22 ta' Mejju 2016. Fis- 16 ta' Awwissu 2016, l-intimat rega attenda ghal sezzjoni ohra individwali. Wara din is-sessjoni ma kienx hemm iktar kuntatt bejn l-intimat u l-Caritas izda imbaghad kien issokkta tlett (3) snin wara fit-30 ta' Lulju 2019 mill-isptar Monte Karmeli fejn l-intimat wera x-xewqa li jsegwi program residenzjali ta' rijabilitazzjoni gewwa San Blas pero' dam biss xahar u nofs u cioe sa Novembru 2019.

Tirrileva illi l-istaff ta' San Blas raw li l-intimat minn gurnata ghal ohra ma kienx qieghed jirrispondi fil-pozittiv ghall-istruttura tal-program u kienu tkellmu mieghu u tawh zewg ghazliet: jew li jerga jaghmel ghaxart (10) ijiem gewwa s-*shelter* u jekk jaraw li lest li jkompli l-program ikompli minn fejn halla jew li johrog fil-kommunita' u jattendi ghal sessjonijiet individwali ghal tlett (3) gimghat filwaqt li jhalli *samples* ta' l-awrina biex jigi accertat li qieghed *clean* u jkun jista' jerga jidhol. Illi pero **l-intimat ma ghazel l-ebda wahda minn dawn il-proposti u hareg mill-program fil-15 ta'Novembru 2019 u cioe qabel iz-zmien.** Tixhed illi l-intimat kien qieghed jabbuza mid-droga kokaina.

Sussegwentemant, l-intimat attenda zewg sessjonijiet gewwa l-bini tal-Caritas fil-25 ta' Novembru u fl-4 ta' Dicembru 2019 u ma weriex ix-xewqa li jerga' jidhol program residenzjali u filfatt ma kienx attenda ghall-appuntament li kellu fil-11 ta' Dicembru 2019, b'dana illi imbaghad bejn l-14 ta' Dicembru 2019 u 7 ta' Jannar 2020 ma kienx hemm kuntatt. Ghalkemm kien ibbukkja appuntament ghal wara is-7 ta' Jannar 2020, il-kuntratt waqaf hesrem. Ghalkemm bejn Jannar u Mejju tas-sena 2020 l-intimat kien qieghed jibbukkja appuntamenti fuq it-*telephone* izda ma attendiex ghalihom. Illi recentement ghamel kuntatt maghhom u sarlu appuntament ghat-18 ta' Mejju pero ma attendiex.

**Martina Cauchi,** ***social worker*** **fi hdan l-Agenzija Appogg, xehdet nhar id-19 ta'Mejju 2021 (vide fol 119 et seq)** u spjegat illi l-ewwel darba li sar uzu mis-servizz kien fl-2015 fejn l-attrici kellha *social worker* ohra. Ix-xhud hija s-*social worker* prezenti tal-attrici. Izzid illi fil-2015 kienet l-attrici li cemplet ghall-ghajnuna ghaliex kienet ghaddejja minn relazzjoni instabbli mal-intimat

minhabba uzu u vizzju tad-droga u tal-loghob tal-azzard. Dak iz-zmien kienet bdiet *marriage counseling* mal-Istitut Kattoliku pero' lejn l-ahhar kienet spiccat qieghda tattendi wahedha u allura il-*counselling* ma kienx irnexxa. Illi sussegwentement l-intimat beda jattendi ghall-sessjonijiet mal-Caritas. Dan kien f'Ottubru 2015. L-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom ghaliex kienet qieghda thoss li ghandha bzonn is-sapport taghhom. Illi eventwalment l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar bit-tfal u marret tghix ghand ommha. Illi ghalkemm fi zmien il-Milied tas-sena 2015 l-attrici kienet irritornat lura d-dar ghaliex hasset li s-sitwazzjoni kienet stabbli pero' zammet il-kuntatt maghhom bhala servizz. Illi l-attrici kienet anke bdiet tfittex impjieg biex tkun finanzjarjament indipendenti u tkun tista tiehu decisjoni ahjar waqt li fil-frattemp kienet qed taghti cans lill-intimat jirrijabilita' ruhu.

Izzid illi l-attrici kienet telqet mid-dar biex theggeg lill-intimat ifittex l-ghajnuna u anke kienet bdiet tikkunsidra li tibda s-separazzjoni. Ghalkemm kien hemm perjodu fejn kien qed jirnexxilu jeghleb dan il-vizzju, f'April 2016 kien rega waqa ghall-vizzju tad-droga u tal-loghob tal-azzard. L-attrici dak iz-zmien kienet baqghet tghix id-dar mieghu ghaliex xorta hasset li s-sitwazzjoni kienet wahda li setghet tikkontrollha u baqghet tahdem mas-social worker taghha biex kemm jista jkun hija tkun iktar indipendenti. Il-kuntatt maghha baqa ghaddej u s-sitwazzjoni baqghet pjuttost stabbli.

Sena wara f' Marza 2017, l-attrici kellha argument ma'zewgha u dana wara li kienet talbitu jmur jghinha bit-tfal ghaliex kienu qabdu argument bejnithom. Hija allegat illi kif l-intimat irritorna d-dar, ta daqqa bic-cinturin lit-tifla u x'hin ikkonfrontatu, allegat illi dawwar idejh ma ghonqha u prova jifgaha. Iktar tard kien zviluppa argument iehor u l-attrici regghet telqet mid-dar u marret ghand ommha bit-tfal.

Sussegwentement, waqt li kienet ghadha tghix ghand omm flimkien mat-tfal, bdiet process ta' medjazzjoni kontra l-intimat u kienet anke inharget Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici. F'Awwissu 2017 l-attrici kienet sostniet maghhom illi s-sitwazzjoni mal-intimat kienet tjiebet u li hu ma kienx ghadu jaghmel uzu mid-droga u f'Ottubru 2017 huma gew infurmati illi irritornat lura d-dar u li l-intimat kien qed ikun prezenti hafna anke mat-tfal u t-tfal kienu ferhanin u il-kaz kien inghalaq f' Lulju tas-sena 2018 u baqghu jaghmlu monitoring tas sitwazzjoni izda baqghet stabbli.

Ix-xhud tirrileva illi l-attrici stqarret maghha illi kien hemm certu zmien fejn din is-sitwazzjoni kienet qed tikkawzala ansjeta u stress u anke kellha problem ta'sahha fizici. Illi f'Ottubru 2020

rega kien hemm kuntatt, u filfatt l-attrici kienet diga qieghda tghix ghand omma u filfatt jidher li kienet ilha iktar minn sena tghix ghand ommha. Il-kuntatt sar wara li gie irrapurtat incident ta' vjolenza domestika fl-ghassa tal-Hamrun fejn allegatament l-intimat kien qieghed isegwiga u jheddidha. Fiflatt kien sar *risk assessment* u kien irrizulta riskju gholi kemm minhabba dak li gara fil-passat u fid-dawl tal-abbuzi verbali, tghajjir, ghira, *stalking* kif ukoll theddid ta' qtil u suwicidju mill-intimat.

Ix-xhud stqarret li l-attrici giet aflitta minn zewg strokes kawza tal-ansjeta kontinwa, u infatti l-attrici u bintha bdew jattendu ghal xi sessions flimkien biex jipprocessaw l-esperjenzi li ghaddew minnhom u l-attrici zammet kuntatt regolari mas-servizz taghha u fil-present spjegat li qieghda tesperjenza problemi finanzjarji.

**Johanna Bartolo rapprezentanta tal- BOV Bank, nhar it-28 ta'Gunju *2021 (vide fol 376 et seq)*** xehdet illi mir-ricerki li saru jidher li hemm (erba') 4 kontijiet f'isem l-attrici, fosthom *savings account* li ghadu miftuh, *savers account* li nghalaq f' Mejju tas-sena 2013, kont iehor li nfetah f' Mejju tas-sena 2010 u *savings account* iehor li nfetah f' Mejju 2013. F'isem l-intimat jidher li hemm *savings account* li nfetah f' Gunju 1998 u ghadu miftuh, u rrizulta ukoll *joint account* ma' terz.

**Stephen Cachia rapprezentant minn Transport Malta, *(vide fol 378 et seq)*** xehed illi hemm vettura wahda li hija prezentement registrata fuq isem l-intimat u vettura ohra registrata fuq l-attrici. Ix-xhud esebixxa ukoll dokumentazzjoni li tindika l-vetturi registrati fuq isem il-partijiet fil-passat.

**Gabriella Marmara rapprezentanta APS Bank, *(vide fol 380 et seq)*** xehdet illi jidher illi l-partijiet qatt ma kellhom relazzjoni bankarja mal-bank in kwistjoni.

**Rowena Azzopardi rapprezentanta BNF Bank, *(vide fol 381 et seq)*** xehdet illi mir-ricerki li saru jidher li l-partijiet qatt ma kellhom relazzjoni bankarja mal-BNF bank.

**Lorraine Attard rapprezentanta HSBC Bank Malta**, ***(vide fol 382 et seq)*** xehdet illi instab kont f'isem il-partijiet mal-*Mortagages Department* li ghalaq fit-28 ta' Marzu 2018.

**Vanessa Kurz, *trainee family therapist, (Vide fol 125A et seq)*** xehdet illi hija ssegwi lill-attrici,

u liz-zewg uliedha, illi pero' ghadha qatt ma stiednet lill-intimat ghal sessjoni, izda dan huwa l-pass li jmiss. Tispjega illi meta l-kaz gie riferut lilha, kien hemm diversi affarijiet li l-familja kienet qieghda tissielet maghhom, fosthom is-separazzjoni, it-tifla z-zghira kellha xi *issues* l-iskola u kien hemm kwistjonijiet ohra li ma kienux relatati mas-separazzjoni tal-genituri. Il-fatt li kellhom jitilqu mid-dar kienet trawma sostanzjali. Jidher li t-tifla z-zghira tixtieq izomm kuntatt ma' missierha pero hemm problemi li jehtieg li jahdmu fuqhom sabiex il-kuntatt ikun ta' beneficcju ghat-tnejn.

**Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali,** ***(vide fol 396 et seq)*** xehed illi mir-ricerki li saru jidher li l-intimat ma hax beneficcji, filwaqt li jidher li l-attrici hadet il-beneficcji indikati f' Dok ST2.

**Reuben Bonnici rapprezentant tal-ARMS,** ***(vide fol 397 et seq)*** prezenta numru ta'dokumenti fir-rigward il-kont u l-pagamenti relattivi ghas-servizz tad-dawl u ilma fir-rigward tal-propjeta, 'Flat 2 Zonqor Street St Venera.' Jispjega illi m'ghandux informazzjoni dwar min qieghed effettivament jaghmel il-pagamenti li qieghdin isiru.

**Gertrude Scerri in rapprezentanza ta' l-Isptar Mater Dei,** ***(vide fol 398 et seq)*** esebit il-files medici tal-partijiet li gew mmarkati bhala Dok GS1 u GS 2.

**Johanna Bartolo in rapprezentanza tal- BOV ri-prodotta** ***(vide fol 399 et seq)***, xehdet illi l-intimat ghandu kont kongunt ma' terzi u cioe ma' certu Gaetano Fauzza li nfetah f Marzu 2007 u ghadu miftuh.

**Louis Buhagiar in rapprezentanza tal- Jobs Plus** ***(vide fol 400 et seq)*** ipprezenta kopja tal-*employment history* u *registration history* tal-intimat, li gew mmarkati bhala Dok LB1 u Dok LB2. Ix-xhud jikkonferma illi fil-prezent l-intimat mhuwiex jahdem u lanqas mhu qed jirregistra. Ix-xhud prezenta ukoll *employment history* tal-attrici.

**L-Ispettur Audrey Micallef xehdet** ***(vide fol 402 et seq)*** illi minn kemm ilha miftuha s-sezzjoni taghhom u cioe mill-1 ta' Ottubru 2020, sar rapport wiehed bir-riferenzi GHQGBDV 62/2020 u kien datat 11 ta' Ottubru 2020, liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok AM2, u dan kien fuq segwiment (*stalking)*. Hemm rapporti ohra li huma kazijiet ta' natura civili pero sar f'distretti ohra u mhix f'pozizjoni li tipprezenta rapport li saru fid-distretti l-ohra. Illi fir-rigward tar-rapport dwar segwiment, ix-xhud spjegat illi kienet waslet ghall-arrest tal-intimat u ghall-ewwel ma kienx

inghata helsien mill-arrest pero sussegwentement inghata l-helsien mill-arrest. Il-kaz qieghed jinstema' quddiem il-Magistrat Monica Vella u il-provi tal-prosekuzzjoni jinsabu maghluqa. Il-kawza hija issa differita ghat- 2 ta' Frar 2022 ghal provi difiza. Ix-xhud tikkonferma illi hemm Ordni ta' Protezzjoni mahruga favur l-attrici.

Illi x-xhud izzid illi xi xahar ilu kienet avvicinata minn kollega *spettura ohra fejn talbitha l-bail conditions*, ghaliex l-intimat tressaq b'arrest fuq ksur ta' *bail conditions*. Fir-rigward tal-proceduri ta' segwiment, ix-xhud tirrileva illi l-konvenut kien irrilaxxa stqarrija, fejn hu kien qalilha li jixtieq li jirranga ir-relazzjoni ma' martu, izda hi kienet ghamlitilhu cara kemm il-darba, b'dana illi x-xhud kienet wissietu li jrid jaccetta u jirrispetta d-decisjoni ta' martu. Tispjega illi ghall-intimat, li icempel u jsegwi lill-martu kien jikkonsidrah kwazi kwazi dritt tieghu, tant li hu baqa jinsisti max-xhud li dik il-mara tieghu u anke kien gab skuza li kien icempel biex jara it-tifla fejn tkun. Ix-xhud izzid illi hija kienet **gabet lista tat-telefonati kolha minghand is-*service providers* ghal dik il-gurnata u kienet indunat li kien qieghed icempel il-gurnata kollha u filfatt kien hemm erba' (4) pagni telefonati ghal gurnata wahda biss.** Fifatt tiftakar illi waqt li l-attrici kienet qieghda hemmhekk taghmel ir-rapport, l-intimat beda jcempilha ukoll. Ix-xhud prezentat ukoll il-fedina penali tal-intimat li giet mmarkata bhala Dok AM3.

**PC 963 Anthony Magro** ipprezenta tlett rapport li saru mill-attrici fil-konfront tal-intimat li gew esebiti bhala Dok AM 1 sa Dok AM 3.

**Joseph Debono rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni** ipprezenta Dok JD 1 sa Dok JD 8 u kkonferma il-kontenut taghhom.

**Anthony Bonnici rapprezentant tal-Go plc** ipprezenta Dok AB 1 bl-ammont dovut fuq il-kont li huwa registrat f'isem l-intimat.

**Miriam Azzopardi rapprezentanta tal-Malta Stock Exchange** ikkonfermat li ma sabet ebda akkont f'isem il-partijiet.

**Rueben Bonnici rapprezentant tal-ARMS** esebixxa Dok RB 1, Dok RB 1X, Dok RB 2, Dok RB 2X u Dok RB 3X, Dok RB X4 u spjega kif isiru l-pagamenti.

**Oswald Balzan, Data Protection Officer gewwa l-Isptar Monte Carmeli,** filwaqt li prezenta

il-*medical file* tal-intimat, li gie mmarkat bhala Dok OB1 u OB2, u *ticket of referral* bin-numru 43 ghal perjodu 19 ta' Lulju 2019 u 20 ta' Awwissu 2019. Ix-xhud jixhed illi sussegwentement, l-intimat kien dahal l-Isptar Monte Carmeli fis-17 ta'Settembru 2021 u hareg fl-24 ta'Settembru 2021. L-ewwel darba li dahal kien dahal minhabba abbuz mill-kokaina u t-tieni darba li dahal kien ukoll minhabba abbuz mill-kokaina. Ix-xhud jinika illi t-tabib kuranti kien Anton Zahra.

**L-attrici, SA,** bil-gurament taghha ikkonfermat illi mill-ahhar digriet ta' din is-sena hemm is-segwenti arretrati u cioe: hamsin (50) ewro mill-mantneiment ta' Lulju, l-ammont ta' mija u disghin ewro (190) minn dak ta' Awwissu, tlett mija u hamsin ewro (350) minn dak ta' Settembru, tlett mija u hamsin ewro (350) mill-manteniment dovut ghax-xahar ta' Ottubru u tlett mija u hamsin ewro (350) minn dak ta' Novembru.

**L-Attrici prezentat ukoll affidavit (*vide fol 75 et seq)***, liema affidavit kien gie kkonfermat bil-gurament tal-istess nhar is- 27 ta' Lulju 2021, flimkien ma' sensiela ta' dokumenti. Tispjega illi hija iltaqghet mal-intimat meta kellha tmintax (18) – il sena u ghamlu 6 snin gharajjes qabel iddecidew li jizzewgu. Mill-bidu tar-relazzjoni l-intimat kien jghir hafna u kien ukoll possessiv u egoist. Filwaqt li hu setgha ikompli l-*hobbies* tieghu, hi kellha twaqqaf kollox. Lanqas setghet issellem lill-kollegi maskili taghha ghax malajr kien jinqala l-glied. Hija kellha tibqa' dejjem id-dar jew tohrog mieghu biss jew inkella titlob l-permess tieghu biex tohrog altrimenti jakkuzaha li kienet marret ma' xi hadd. Hi kienet zghira dak iz-zmien u kienet tahseb li dan kollu tfisser imhabba.

Ftit qabel iz-zwieg kellha tieqaf mix-xoghol, ghaliex l-intimat kien qalilha li hi ghandha tibqa' d-dar u kien ser igib il-flus hu ghal familja, b'dana illi riedha tiddepedendi kompletament fuqu. Dak iz-zmien kien itiha LM 30 kull nhar ta' Sibt. Huma zzewgu fis- 27 t'Ottubru 2000, u kienet diga tqila bl-ewwel tarbija taghhom NK. Fl-bidu taz-zwieg marru jghixu ghand ommu izda ma tantx kienu damu. Tirrakonta li darba minnhom marret il-monti ma' ommu u xtrat quilt. Dak iz-zmien hu kien ghaddilha l-ewwel paga peress li kienet waqfet tahdem meta kienet tqila izda meta waslet id-dar kien qala plejtu shih ghaliex kienet nefqet il-flus u li ma kienx ha jaghtiha aktar flus sal-gimgha ta' wara u li darb ohra kellha staqsiet lilu.

F'dan il-perjodu l-attrici kienet thossha hazin hafna anke peress li l-intimat ma kienx jiehu interess fit-tqala jew fl-appuntamenti medici u kienet tispicca tmur ma' ommha. Ommha kienet offriet li jmorru jghixu maghha, u kien f'dan l-istadju li l-intimat kien qabad johrog wara li jigi mix-xoghol u kien jaghmel sal-hdax ta' bil-lejl jew anke sa nofs il-lejl barra. Hija kienet tibqa' d-dar waheda

sakemm ma kienx ikun hemm xi okkazzjoni fejn kienu johorgu ftit flimkien. L-ghira tal-intimat baqat dejjem persistenti, u l-attrici ma setghetx tohrog jekk mhux mieghu. Kellha tieqaf ukoll minn netball, u spiccat bla hbieb u tohrog biss mal-membri tal-familja. L-intimat riedha ghalih biss u kellha dejjem taghmel dak li jghid hu, filwaqt li hu kien jaghmel li jrid u kien ikollu kartiera mimlija flus. NK twieldet fit-2 ta' April 2001 u ghalkemm l-intimat kien prezenti ghat-twelid, bilkemm kien ikun prezenti l-isptar u minflok kienet tattendi ommu. Ir-responsabiltajiet kollha tat-tifla kienu waqghu fuq l-attrici u l-intimat ma kien jghinha f'xejn. Peress li d-dar taghhom ma kienitx ghadha lesta, kienu damu tlett snin jghixu ghand ommha, u l-intimat kien juza dan il-fatt biex izid fil-hrug tieghu bl-iskuza li kien jiddejjaq ghand ommha. L-intimat kien idum barra sas-saghtejn u t-tlieta ta' filghodu anke fost il-gimgha. Darba minnhom kien inqala argument u kienet qaltlu biex jitlaq mid-dar ghaliex ma kienx qieghed f'lukanda u kienu marru jghixu f'appartament ta' ohtu.

L-attitudni kontrollanti tal-intimat kompliet tissokta, tant li meta darba marret ma' kugintha taghha tixtri, spicca jiccekjalha l-hwejjeg biex jara jekk kellhiex wicc haddiehor. Maghdud ma' dan, l-abbuz verbali baqa konsistenti, u l-intimat ta' spiss kien jghajjat, jfarrak u jkisser l-affarijiet. B'xi mod kien irnexxilha tikkonvincih tohrog tahdem *part-time*. It-tifla kienet dahlet fi skola tal-knisja dak iz-zmien pero' dak kollu li kellu x'jaqsam mat-tifla baqa responsabilita' tal-attrici biss.

F'dan iz-zmien, l-attrici tixhed illi bdiet tissuspetta hazin fl-intimat ghaliex kienet tinnutah jittanta lil nisa ohra tant li anke il-familjari taghha kienu gibdulha l-attenzjoni fuq dan. Meta marru jghixu fid-dar matrimonjali, hija kienet inqabdet tqila bit-tifla z-zghira li twieldet fl- 4 ta' Jannar 2007 u kienet damet hmistax (15) – il gurnata l-isptar. L-intimat ma tantx kien imur l-isptar u f'dawk it-tlett ijiem parental leave, bilkemm kienet ratu.

Darba minnhom l-intimat kien dahal id-dar fis-sakra. Dak iz-zmien kugintha kienet imsiefra u hi bdiet tissuspetta hazin u fil-fatt sabet messagg mibghut mill-intimat lil din il-kugina fejn kien qalilha "*Ara oqghodli bilghaqal inti"* fost hafna messaggi ta' *flirting* li kienu jimplikaw li ma ridhiex taqlibilhu. Kienet cemplet lill ommha biex tigi ghaliha u marret lura ghand ommha. Kienet ukoll ikkonfrontat lil kugintha izda baqghet tinnega. Wara li ghamlet erbat ijiem ghand ommha, kienet marret lura id-dar. Illi fil-frattemp, l-intimat baqa jakkuza lill-attrici li qed taqlibilu u jigri x'jigri dejjem kien tort taghha.

Meta kien qorob il-precett tat-tifla l-kbira, kienet l-attrici li hadet hsieb kollox wahedha. Illi lejliet il-precett, l-intimat kien hareg jixrob x'mkien. Dakinhar x'hin mar lura d-dar xejjirlha daqqa ta'

ponn f'wiccha tant li kellha black eye. L-attrici tispjega illi kienet spiccat b'ghajn vjola u kellha taghmel hafna *make up* biex tipprova tghatti l-griehi taghha. Waqt li kienu qeghdin jargumentaw kienet irrispondietu, l-intimat qabzitlu u ta daqqa ta' ponn. Din kienet l-ewwel darba li refa jdejh fuq l-attrici. It-tfal kienu prezenti u raw kollox izda kienet qaghdet kwieta biex ma thassarx il-gurnata tal-precett.

L-attrici ssemmi epiosdju minnhom fejn kien hemm it-tifla z-zghira l-isptar, u ghalkemm l-intimat kien baqa maghha sakemm il-minuri kienet l-ITU, kif harget mill-ITU l-intimat ftit li xejn kien ikun l-isptar u kienet omm l-attrici li kienet tbiddilha biex tkun tista tmur tqatta' ftit hin mat-tifla l-kbira. Tul it-tlett xhur li ghamlet l-isptar maz-zghira, l-intimat qatt ma ha interess joqghod maz-zghira l-isptar jew jghin mal-kbira, tant li darba minnhom anke spiccaw kellhom argument fil-ward fejn anke kien hebb ghaliha billi qabadha u imbuttaha. In tant huwa baqa johrog ma shabu u ma' nisa ohra bl-ispeedboat waqt li bintu iz-zghira kienet rikoverata l-isptar u l-kbira kienet ma' omm l-attrici.

Matul dan iz-zmien, l-attrici bdiet tinnota li l-intimat setgha kien qieghed jabbuza mid-droga izda bil-qaghda medika tat-tifla z-zghira ma kellhiex mohh. Ghalkemm hija xtaqet titlaq lil zewgha kienet tibza minnu.  Wara li t-tifla z-zghira giet rilaxxata mill-isptar, l-attrici ddecidiet tqum fuq saqajha u bdiet tistudja ghad-Diploma. Kienet regghat bdiet tahdem part-time u fil-frattemp kienet tiehu lit-tifla l-kbira ic-CDAU minhabba li kellha xi *learning difficulties*. Ir-relazzjoni bejn l-intimat u t-tfal ftit li xejn kienet ezistenti, tant li huwa baqa ghaddej bil-hrug sas-saghtejn u t-tlieta ta' filghodu anke matul il-gimgha, filwaqt li d-dar ukoll kien idum imqajjem, izda mal-attrici ftit li xejn kien ikun irrid johrog. Kull harga kienet tinzillha velenu ghaliex qabel ma johorgu dejjem kien jaqla xi storja. Illi sussegwentement, regghet intebhet li kien qieghed jircievi hafna messaggi u telefonati minghand zewg nisa ohra. Hija kienet rinfaccat wahda minnhom izda din kienet qaltilha li mhux problema taghha. Kien hemm ukoll mara ohra li l-intimat kellu hafna kunfidenzi maghha u kien jibghatilha hafna messaggi ukoll. Meta skopriet bl-ezistenza tal-ewwel mara, l-intimat kien jorqod fuq is-sufan filwaqt li hi kienet torqod fis-sodda u b'hekk is-suspetti komplew jikbru.

Darba minnhom fost argument li kien inqala mal-mejda tal-ikel, l-attrici tixhed illi l-intimat bir-rabja ried jgholli l-mejda u spicca biex qabad zarbun tat-takkuna u aggrediha go sieqha u go rkuppitha bih. Iktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdiet ssir evidenti li l-intimat kien qieghed jabbuza mid-droga, tant li kienu jcemplulu n-nies peress li ma kienx imur jahdmilhom u dana minkejja li kien hadilhom deposit. L-attitudni tieghu bdiet tkun wahda aggressiva, la baqa jiekol

l-ikel li kienet isajjar, kien qabad ipejjep il-pipa. Illi l-attrici kienet qabdet tahdem full-time dak iz-zmien, u sahanistra kien jitlobha l-flus izda maz-zmien bdiet tieqaflu. Il-kontijiet ma kienux qeghdin jithalsu u dana meta hija kien minghaliha li kienu qeghdin jithallsu .

Illi eventwalment l-intimat beda jattendi *evening classes* mal-Caritas u kien hemm xi drabi fejn l-attrici kienet akkompanjatu, izda waqaf jattendi f'qasir zmien. Ir-receptionist kienet tghidlu biex ikun grat li l-attrici ghadha mieghu. Illi f'dan il-perjodu kellu ukoll problema f'imniehru a kawza tal-uzu mid-droga u filfatt kien ikollhom imorru Mater Dei bil-lejl. L-attrici tishaq illi hija telqet diversi drabi mid-dar biex tipprova ttih tbezbiza imma dan kien kollu ghalxejn ghaliex l-intimat baqa l-istess, sa hadielha c-crieket u d-deheb li kellha. Meta qabdet hbiberija ma' habiba taghha, l-intimat sa mar jikkonfrontaha ghaliex haseb li kien hemm iktar minn semplici hbiberija, tant li meta regghet irrikonciljat mal-intimat, kienet tilfet din il-hbieberija. Illi dak iz-zmien kienet attendiet *marriage counseling* mal-Moviment ta' Kana u anke kienet tkellmet ma' tal-Appogg. L-intimat kien anke mar maghha ghal xi *sessions* imma imbaghad kien waqaf jattendi.

L-atteggjament tal-intimat baqa jiggrava aktar maz-zmien, tant li dan kollu beda jhalli effett fuq sahhet l-attrici tant li sofriet minn zewg *strokes*. Illi wara dan l-episodju kienet ghamlet ghaxart (10) ijiem l-isptar ghaliex ma setghatx timxi. Illi l-intimat kien imur ftit u jitlaq izda ma kinitx haditha bi kbira peress li kien ghamel l-istess meta kien hemm iz-zghira l-isptar. Wara tmien (8) xhur rega kellha episodju simili tant li ma setghatx titkellem sew u filfatt kien irrizulta li rega kellha *stroke* ohra. Minn dakinhar l'hawn hija baqghet tiehu medicina b'mod regolari.

Illi affarijiet komplew jeskalaw tant li fid- 19 ta' Marzu 2017, wara li l-attrici cemplet lill-intimat ghall-assistenza ghaliex it-tfal kienu qabdu argument. L-intimat spicca biex sawwat lil bintu z-zghira bic-cinturin. Illi meta pruvat twaqqfu, l-intimat beda jipprova jifgaha. Iz-zghir kienet cemplet lill-omm l-attrici li minn naha taghha cemplet lill-Pulizija li marru fuq il-post. Dakinhar il-pulizija bdew isaqsuha certu domandi fil-prezenza tal-intimat u peress li kienet imbezza minnhu ma qaltilhom xejn. Iktar tard dakinhar, marru omm l-attrici u ziju taghha ghaliha biex johorguha mid-dar. Omm l-attrici regghet cemplet lill-pulizija, u ghalkemm l-intimat ma riedhiex titlaq, hija qabdet lit-tfal u hwejjigha u telqet ghand ommha.

Wara dan l-incident, l-attrici bdiet proceduri ta'separazzjoni u anke ghamlet rikors il-Qorti, u kien inhareg Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici u t-tfal kontra l-intimat. L-intimat kien inghata access taht supervizjoni, u kien anke rega beda jmur l-*evening classes* izda wara ftit rega waqaf. Kien anke beda jmur ghand psikjatra u kien beda jiehu xi medicina izda waqaf malajr. Ghalkemm f'dan

il-perjodu kienet regghet pruvat taghtih cans iehor, wara xaharejn rega waqa ghar-rutina tas-soltu, hrug, drogi u vjolenza, tant li t-tifla l-kbira ta' sbatax (17) – il sena telqet mid-dar u marret tghix ghand omm l-attrici u cioe n-nanna materna. Illi wara ftit l-attrici flimkien mat-tifla z-zghira marru ukoll lura ghand omm l-attrici. Fil-frattemp l-intimat kien dahal Mount Carmel u anke dahal jaghmel program ta' rijabilitazzjoni izda ftit wara l-grizma tat-tifla z-zghira, li l-intimat kien inghata permess li jattendi, hareg mill-programm qabel iz-zmien. Sakemm kien il-programm l-attrici kienet marret tnaddaf id-dar taghhom, li kienet fi stat pjetuz. Illi l-intimat ghadu jabbuza mid-droga sal-gurnata tal-lum, tant li l-attrici ghadha ssib bosta affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-abbuz mid-droga d-dar taghhom meta hija tmur s'hemmhekk.

L-ossessjoni tieghu baqghet wahda kostanti, tant li kien isegwiha bil-karozza u kienet issibu kull fejn kienet tkun. L-intimat kien il-hin kollu jitlobha biex jirrangaw, telefonati kontinwi tant li kellha taghmel rapport mal-pulizija u xehdet dwar dan quddiem il-Qorti tal-Magistrati ukoll.

Izzid illi fir-rigward tar-relazzjoni tieghu mat-tfal, din hija prattikament inezistenti. L-intimat qatt ma wera interess versu tfal, u lanqas il-familjari tal-intimat ma jkellmuhom. Tishaq illi kienet dejjem hi li refghet r-responsabilita ghal udliedha u ghalhekk titlob li tkun fdata bil-kura u l-kustodja tat-tfal. Tishaq illi l-intimat gieli icempel lill-minuri u jweghda li ser johrogha izda dan ma jsehh qatt b'konsegwenza li dan qieghed jaffetwaha psikologikament ghaliex hija tkun qed tistennih u ghalhekk titlob illi l-access anke fid-dawl tal-eta tal-minuri ikun bi qbil mal-minuri nnifisha. Rigward manteniment, l-attrici tirrileva illi l-ammont li l-intimat ghandu jghaddi ghandu jizdied ghall-hames mitt ewro fix-xahar (500) u li ghandu jinqata direttament mis-salarju tieghu. L-attrici taghmel ukoll referenza ghall-arretrati dovuti.

Fil-kumplament tal-affidavit taghha, l-attrici tirreferi ghal komunjoni tal-akkwisti u l-assi li jappartjenu lill-istess.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi permezz ta'sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti hekk preseduta, nhar l-4 ta' Marzu 2021 (*Vide process 268/2019/3JPG),* l-intimat gie dikjarat kontumaci.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba l-vizzju tad-droga u loghob tal-azzard, vjolenza u eccessi, minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura***

***e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto***

> ***Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi in atti jirrizulta illi l-partijiet iltaqghu meta l-attrici kellha madwar tmintax (18) – il sena u kienu ghamlu sitt (6) snin gharajjes qabel iddecidew li jizzewgu. Illi minn dana iz-zwieg twieldu zewgt itfal, NK li llum hija maggorenni u NY li ghandha hmistax (15) – il sena.

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat.

Nonostante l-istat ta' kontumacja tieghu, l-intimat kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti u addiritura jressaq nota ta' sottomissjonijiet. Illi pero', huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas ukoll milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan u minhabba l-fatt li l-Qorti jidrilha li ma hemmx eccezzjonijiet illi hija ghandha tqanqal ex-officio, din il-Qorti hija kostretta li tghaddi ghall-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Il-Qorti tosserva illi fl-affidavit taghha, l-attrici taghti rendikont dettaljat tal-hajja mizzewga mal-intimat. Illi qieghed jigi nnutat ukoll illi l-attrici ma pproduciet l-ebda testimonjanza ta' familjari li setghu jikkoraboraw dak li xehdet hi izda pproduciet xhieda indipendenti bhal social workers, rapprezentanti tal-Caritas, membri tal-Pulizija.

Wara li rat il-provi kollha esebiti, din il-Qorti waslet ghall-konvinciment morali illi l-verzjoni tal-attrici hija wahda verosimili, stante li dak allegat minnha huwa korraborat mit-testimonjanzi ta'xhieda estranji ghaz-zwieg tal-partijiet. Infatti, it-testimonjanza tal-Ispettur Audrey Micallef *(vide fol 402 et seq)* titfa dawl fuq l-ghira estrema tal-intimat u l-ghemil kontrollanti tieghu fuq l-attrici li minn naha taghha baqghet tippersisti biex tghin lill-intimat jgheleb il-vizzju tad-droga anke wara li nfirdu. L-attrici spjegat kif tul iz-zwieg taghha mal-intimat, l-intimat kien ossessjonat mill-hsieb li l-attrici kienet qieghda taghti wicc lill-haddiehor, meta mill-atti jirrizulta illi kien l-intimat li kien jiffrekwenta u jittanta nisa ohra. Illi din l-ossessjoni kienet xprunata minn ghira u kontroll estrem, tant li l-attrici kellha tieqaf mix-xoghol, twaqqaf il-passatempi kollha taghha u sfat priguniera f'darha stess u isolata minn hbieb u kuntatti taghha.

Fix-xhieda taghha l-Ispettur tirrileva kif fil-*pysche* tal-intimat, gialadarba l-attrici kienet martu, kellu id-dritt sagrosant li jsegwiha li jcempillha kontinwament u jirrifjuta li jaccetta d-decisjoni ta' martu li riedet tinfired minnu. Ix-xhud ghamlet ukoll referenza ghall-fatt illi mill-*call logs* li

huma gabru minghand is-*service providers*, rat b'ghajnejha it-telefonati kontwini da parti tal-intimat f'gurnata wahda biss. Il-Qorti rat illi l-attrici iddecidiet li tinfired minn mal-intimat wara li ssubiet *snin shah* ta' terturi u vjolenza. Il-Qorti rat ukoll x-xhieda tal-attrici moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-dawl tar-rapport ta' *stalking* li hija kienet kostretta taghmel wara l-agir ossessiv tal-intimat.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizzat minn vjolenza verbali, psikologika u fizika, liema vjolenza kienet inflitta mill-intimat fuq l-attrici, vjolenza li indubjament kienu soggetti ghaliha anke ulied il-partijiet. Din il-Qorti rat illl-intimat dejjem naqas milli jaghti dik l-assistenza lill-attrici, assistenza li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin. Mix-xhieda tal-attrici rrizulta li l-intimat sahansitra kien ihalli lill-attrici tattendi ghall-appuntamenti tat-tqala wahedha. Illi kif tixhed l-attrici, it-trobbija tal-ulied dejjem hadet hsiebha hi, tant li meta t-tifla z-zghira kienet rikoverata l-isptar l-intimat kien halliha l-isptar wahedha ghaliex kien jippreferi johrog ma'shabu. F'cirkostanzi ta' mard jew inkwiet fuq it-tfal wiehed jistenna illi il-konjugi jkunu ta' konfort u assistenza lil xulxin.  Fil-kaz odjern l-intimat mhux biss ma kienx ta' konfort ghall-attrici, talli abdika u farfar kull responsabbilita' ghal fuq l-attrici, berbaq il-flus tal-familja fuq drogi, kif irrizulta b'mod car mill-files medici tal-intimat li gew esebiti fil-mori tal-proceduri u t-testimonjanzi tar-rapprezentanti tal-Caritas.  Minn tali xhieda jirrizulta illi l-intimat nefaq tmien t'elef Ewro (EUR 8000) f'xahar fuq id-droga. Di piu' jirrizulta li kien jitlob lill-martu ghall-flus u sahansitra hadilha il-gojjelli u l-oggetti tad-deheb taghha.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-intimat fil-bidu taz-zwieg lill-attrici kien ihalliha nieqsa mill-flus, u sussegwentement meta twieldu t-tfal ftit li xejn kien jikkontribwixxi mill-aspett finanzjarju, tant li l-attrici kellha tohrog tahdem biex tkun tista' tmatni lill-uliedha. Maz-zmien l-attrici ndunat ukoll illi l-intimat kien qieghed jonfoq flusu fuq id-droga b'dana ili ma baqax ihallas il-kontijiet. Illi l-intimat kien wasal ukoll fl-estremita' fejn kien ikollha sselfu l-flus l-attrici mill-paga taghha. Spiccat ukoll tahbi l-*credit cards* ghand ommha biex zgur ma jkollux access ghalihom. Illi l-vizzju tad-droga tal-inimat indubjament wassal ghat-tifrik taz-zwieg izda dan il-vizzju ma kienx l-uniku vizzju daparti tal-intimat. Il-Qorti rat kif madanakollu, l-attrici dejjem kienet ta' spalla ghall-intimat, u anke attendiet ghat-terapija mieghu. Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-haddiema socjali taghha, l-attrici taghtu diversi opportunitajiet lill-intimat biex jirrablita ruhhu u jegheleb dan il-vizzju, izda jidher bic-car illi l-intimat qatt ma kellu r-rieda li jaghmel dan. Apparti l-vizzju tad-droga jidher li l-intimat kellu wkoll il-vizzju tal-loghob tal-azzard li mghadud mal-vizzju tad-droga gab fix-xejn il-finanzi kollha tal-familja.  In oltre, ma dawn il-vizzji u jista' jkun ukoll

minhabba l-vizzju tad-droga, l-intimat kien fizikament abbuziv fuq l-attrici u jidher illi dan l-abbuz fiziku kien ta' certu gravita mhux biss meta gurnata qabel il-precett tat-tifla xejrilha daqqa ta' ponn quddiem it-tfal taghhom tant li l-attrici spiccat bi *black eye*, izda b'mod aktar gravi meta attenta li jifga lill-attrici ilghaliex din ippruvat tintercedi ghall-bintha li kienet qed tissawwat mill-konvenut bic-cintorin.

Il-Qorti rat ukoll kif l-agir tal-intimat wassal lill-attrici ghall-ezawriment fiziku, tant li soffriet minn zewg *strokes*, b'dana illi llum hija tiddependi fuq medicina ghal kumplament ta' hajjitha. L-imgieba tal-intimat tul iz-zwieg tieghu mal-attrici huwa ferm deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg u d-doveri tieghu ta' missier versu uliedu. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja.

Illi dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> ***"M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

L-attrici qieghda titlob illi jigu applikati d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodici Civili fil-konfront ta' zewgha l-intimat. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-artikolu 51 tal-Kodici Civili jistipula:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista'***

> ***jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-vjolenza finanzjarja, emozzjonali u psikologika ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

**Manteniment ghall-Attrici**

Fir-rigward din il-Qorti rat illi l-attrici mhiex qieghda titlob manteniment ghaliha u dana stante li hija qieghda tahdem fuq bazi full-time. Illi pero u in vista tac-cirkostanzi li waslu ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet, din il-Qorti tirriserva lill-attrici f'kaz ta' bzonn, id-dritt li titlob manteniment minghand l-intimat, u dan kuntrarjament ghall-intimat li kif rilevat aktar qabel, huwa hati tat-tifrik taz-zwieg u ghaldaqstant iddekada minn tali dritt.

**Kura u Kustodja tal-minuri Nilayza**

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri bint il-partijiet NY li ghandha hmistax (15)- il sena u sabiex tigi awtorizzata tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-istess minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

***u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

*"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[3],*** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Il-Qorti rat illi filwaqt li l-minuri dejjem xtaqet li zzomm rapport ma' missierha l-intimat, l-intimat ftit li xejn kien prezenti fil-hajja tal-minuri, ghaliex dejjem kellu prioritajiet differenti, fosthom il-hrug, in-nisa, il-hbieb, id-droga u l-loghob tal-azzard, tant li sakemm kienet qieghda l-isptar, ftit li xejn kien ikun qieghed hdejn il-minuri (u hdejn martu) jaghtiha l-konfort li wiehed jistenna minghand missier. Din il-Qorti rat ukoll kif il-minuri flimkien ma' ohtha kienu ukoll soggetti ghal, u xhieda ta' vjolenza fizika u psikologika inflitta minn missierhom fuqhom u fuq ommhom u li dan indubjament halla impatt sostanzjali fuq it-trobbija taghhom. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti li wahidha ghandha tiehu id-decizjonijiet kollha ordinarji jew straordinarji rigward l-edukazzjoni, is-sahha u s-safar tal-minuri, u dan minghajr l-assistenza, firma jew kunsens jew prezenza tal-intimat missier u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi fir-rigward ta' access, din il-Qorti rat illi fid-dawl tal-eta tal-minuri, l-attrici sostniet illi tali access ghandu jkun maqbul bejn il-minuri u l-intimat. Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dan, din il-Qorti tqis illi sabiex il-benessere fiziku u psikologiku tal-minuri jigu mharsa, stante l-karattru inaffidabbli ghall-ahhar tal-intimat missier, u fid-dawl tat-testimonjanza tal-*family therapist* Vanessa Kruz (*vide fol 125A et seq)* il-minuri ghandha tibqa' tattendi ghall-*family therapy* sabiex qabel xejn tahdem fuq l-*issues* taghha, ghaliex huwa biss jekk isir dan, li l-kuntatt ma' missierha l-intimat jista' jkun ta'beneficcju ghall-istess minuri.

---

[10] Enfazi tal-Qorti.

**Manteniment ghall-minuri NY:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont ilbżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. IlQorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom."***

Il-Qorti taghraf illi l-inaffidabilita' tal-intimat wasslet lir-rikorrenti trabbi lill-ulied tal-partijiet prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, illi r-rikorrenti kienet kostretta tiehu hsieb lill-uliedhom prattikament wahedha, liema cirkostanzi illimitaw il-kapacita' taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent. Di piu', il-Qorti tgharaf illi hija tat kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Il-Qorti rat illi *pendente lite*, fl-udjenza tal-11 ta'Marzu 2020 hija kienet ordnat lill-intimat ihallas lill-attrici is-somma ta' EUR 200 ghal kull wild, u cioe EUR 400 fix-xahar bhala manteniment flimkien ma' nofs l-ispejjes tal-Edukazzjoni u Sahha. Illi fil-mori, il-Qorti rat illi bint il-partijiet il-kbira u cioe NK bdiet tahdem fuq bazi full-time bhala ghalliema. Illi l-intimat kien prezenta rikors fejn talab riduzzjoni tal-manteniment ordnat, liema talba giet michuda limitatament minn din il-Qorti permezz ta' digriet *pendent lite* iehor tat- 8 ta'April 2021 (vide fol 52 et seq) b'dan li l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' EUR 200 fix-xahar ghat-tifla minuri flimkien ma' EUR 150 ghall-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, li flimkien jammontaw ghal EUR 350 fix-xahar.

Il-Qorti rat illi l-intimat mhuwiex jahdem. Il-Qorti tfakkar li kif diga ritenut iktar qabel, li l-obbligu tal-genitur li jmatni lill-uliedu huwa obbligu assolut li mhuwiex marbut ma' l-ebda impieg.[11] Tul il-mori, l-attrici esebit sensiela ta' dokumentazzjoni marbuta mal-ispejjes mensili li hija tinkorri ghall-minuri fosthom il-prospett tal-ispejjez *(vide fol 34 et seq)* u anke l-payslips taghha, FS3s, rendikonti tat-taxxa etc. Fl-isemmi prospett ix-xhud indikat illi hija tonfoq circa EUR 400 fix-xahar ghall-minuri u dana oltre spejjes ohra relatati mal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha titlob illi l-manteniment jigi filfatt awmentat ghall-EUR 500 fix-xahar u dana in vista tal-ispejjes tat-tifla. Il-Qorti rat ukoll kif il-ftit manteniment li thallas mill-intimat, dejjem thallas tard jew ma thallasx fl-intier tieghu *(Vide rapport maghmula mill-attrici f'dana r-rigward u cioe Dok AM1 u Dok AM 3).* Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-attrici talbet illi l-manteniment dovut jigi likwidat bhala lump sum sakemm il-minuri taghlaq l-eta ta' 18- il sena, u liema ammont ghandu jitnaqqas minn sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali, b'dana illi sussegwentement u f'kaz li l-minuri tibqa' tistudja sal-eta ta' 23, l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas manteniment b'rata mensili.

[11] Vide Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja deciza mill-Prim Awla (Citazz 154/1994)

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward dak mitlub mill-attrici. In vista tal-inaffidabilita u nuqqas ta' responsabbilita' li l-intimat dejjem wera versu l-familja tieghu, din il-Qorti tqis illi t-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi filwaqt li l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun ta' EUR 500 fix-xahar liema somma tinkludi sehem l-intimat relattiv ghall-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment ghandu jigi likwidat bhala lump sum sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' 18- il sena u cioe fl- 4 ta'Jannar tas-sena 2025, sabiex dan l-ammont jitnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Ulterjorment din il-Qorti tordna illi f'kaz li l-minuri tibqa' tistudja fuq bazi full-time sal-eta ta' 23 sena, l-intimat qieghed jigi ordnat ihallas l-istess manteniment mensili fl-ammont ta' EUR 500, li ghandu ugwalment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew beneficcju jew dhul iehor tal-konvenut u imhallas direttament lill-attrici f'kont bankarju tal-ghazla tar-rikorrenti. F'kaz li da nil-manteniment mensili jibqa' ma jithallasx mill-intimat, l-ammont dovut ghandu jitnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

Fir-rigward tal-arretrati ta' manteniment, il-Qorti rat illi jirrizultaw dovuti mill-intimat is-segwenti arretrati u cioe:

- In vista tad-digriet datat 11 ta' April 2017, din il-Qorti diversament preseduta ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' EUR 400 manteniment ghaz-zewg ulied. Illi f'Jannar 2019 il-partijiet kienu rrikonciljaw. Illi ghalhekk hemm manteniment dovut ghax-xhur bejn April 2017 sa Jannar 2018 li jammontaw ghall-erbat elef Ewro (**EUR 4000)**.

- F''April tas-sena 2019 l-attrici regghet telqet mid-dar matrimonjali. Illi inghata digriet minn din il-Qorti kif preseduta fil-11 ta' Marzu 2020. Illi ghalhekk hemm manteniment dovut ghax-xhur bejn April 2019 sa Marzu 2020 u cioe hdax (11) – il xahar, li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jkun fl-ammont ta' EUR 400 fix-xahar (u mhux EUR 700 fix-xahar kif qed tippretendi l-attrici), li jammontaw ghal erbat elef u erba mitt Ewro **(Eur 4,400).**

- Illi skond ix-xhieda tal-attrici jidher li ghas-sena 2021 hemm is-segwenti arretrati u cioe:

  EUR 50 ghax-xahar ta' Gunju 2021
  EUR 190 ghax-xahar ta' Lulju 2021
  EUR 350 ghax-xahar ta' Awwissu 2021

EUR 350 ghax-xahar ta' Settembru 2021
EUR 350 ghax-xahar ta' Ottubru 2021
EUR 350 ghax-xahar ta' Novembru 2021
EUR 350 ghax-xahar ta' Dicembru 2021

**Li jammontaw ghall- EUR 1990.**

Flimkien ma' dawna l-ammonti, hemm l-ammont ta' **EUR 1164** relattivi ghall-arretrati ta'spejjes ta' sahha u edukazzjoni li l-intimat naqas milli jhallas. Illi ghalhekk il-konvenut qieghed jigi ordnat ihallas is-somma ta' **EUR 11, 554.** Illi l-imsemmija somma, qieghda tigi likwidata bhala lump sum, u ghandha titnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti regghet rat is-sentenza *in parte* datata 3 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ghadha *in vigore* bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti rat illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

a) **Krediti dovuti lill-attrici;**
b) **Kontijiet Bankarji;**
c) **Vetturi;**
d) **Krediti mid-Dipartiment tat-Taxxa;**
e) **Djun mal-ARMS u Go Mobile plc;**
f) **Il-garaxx gewwa l-Handaq u l-Ingenji;**
g) **Id-Dar Matrimonjali**

**Krediti dovuti lill-attrici:**

Fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha l-attrici tirrileva illi kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita mix-xhud Oswald Balzan jidher illi l-konvenut kien stqarr maghhom illi huwa nefaq is-somma ta' EUR 70,000 li huwa kellu mgemma, u liema somma intuzat unikament mill-intimat biex jissodisfa l-vizzju tad-droga. Il-Qori rat ukoll illi kif indikat mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u kif jirrizulta mill-istatements bankjarji esebiti mir-rapprezentanta tal-

BOV Bank u li jindikaw illi l-intimat nefaq ammonti sostanzjali fil-loghob tal-azzard. Illi dawn il-flus kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Din il-Qorti tqis illi l-intimat huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, bl-aktar mod gravi, u berbaq dawn il-flejjes biex jiffinanzjaw il-vizzji tieghu, vizzji li rrendew l-hajja tal-familja tieghu wahda mizerabbli. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna illi l-attrici ghandha tigi kkumpensata ghall-sehema minn dawn il-flus fl-ammont ta' EUR 35,000.

**Kontijiet Bankarji**

Mill-provi in atti jirrizulta illi hemm is-segwenti kontijiet bankarji li ghadhom ezistenti:

*F'isem l-attrici:*

- Savings Account bin-numru: 13810937017 (JB 1)
- E Account bin-numru: 40019064149 (JB 3)
- Savings Account bin-numru: 40021651799

*F'isem l-intimat:*

- Savings Account bin-numru 13814015029 (JB5)
- Joint Account ma'certu Gaetano Fauzza (JBX 1)

Illi fid-dawl ta' tal informazzjoni din il-Qorti, u fir-rigward tal-kontijiet intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, filwaqt li fir-rigward il-kontijiet intestati fuq isem il-konvenut tassenja l-istess kontijiet lill-konvenut.

**Vetturi**

Il-Qorti ratt illi mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta jidher illi l-partijiet ghandhom zewg vetturi, u cioe vettura kull wiehed. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi il-partijiet ghandhom jigu assenjati dik il-vettura li fil-prezent qieghda fil-pussess taghhom, b'dana illi kull parti ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra ezistenti fil-konfront ta' dik l-istess vettura.

**Krediti mid-Dipartiment tat-Taxxa**

Mid-dokumentazzjoni in atti jidher illi l-attrici kellha tircievi kreditu ta' taxxa fir-rigward tal-impjieg taghha fis-somma ta' EUR 381 ghas-sena 2019. Illi **jidher li dan l-ammont intbghat f'isem l-intimat bhala l-head of household**. Illi fid-dawl tal-htija tal-intimat, dan l-ammont ghandu jigi rinborzat mill-intimat lill-attrici.

**Djun mal-ARMS u Go Mobile plc**

Il-Qorti rat illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi fil-prezent hemm EUR 587.34 dovuta. Il-Qorti rat illi l-attrici hallset is-somma ta' EUR 1101.01 sabiex thallas l-ammont dovut ta' EUR 1183.23, u cioe l-ammont li kien dovut sa April 2019 u cioe meta telqet mid-dar matrimonjali. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tassenja id-dejn fl-ammont ta' EUR 587.34 esklussivament lill-intimat.

Fir-rigward il-kontijiet ghas-servizz provdut mill-Go Mobile plc, il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet diversi pagamenti u qieghda titlob illi l-intimat jigi ordnat ihallasha is-somma ta' EUR 352.68. Il-Qorti tqis illi l-attrici ghandha tigi rimborsata l-ammont ta' EUR 352.68 minghand l-intimat.

**Il-garaxx gewwa l-Handaq u l-Ingenji**

Il-Qorti rat illi l-intimat kien jikri garaxx gewwa l-Handaq, fejn fih kien izomm l-ghodda li kien juza ghax-xoghol tieghu u xi ingenji. Il-Qorti tirrileva illi f'kaz li hemm xi arretrati ta' kiri u/jew djun fuq l-imsemmi garaxx, dawn ghandhom ikunu unikament a karigu tal-intimat.

Il-Qorti rat ukoll illi l-attrici qieghda titlob li jigi likwidat kumpens *arbitrio bon viri* stante li intefqu flus mill-komunjoni sabiex l-intimat akkwista dawna l-ingenji u ghodda. Il-Qorti rat illi l-attrici naqset mill-tindika it-tip ta' ghodda jew ingenji li effettivament l-intimat seta' kien qieghed izomm f'dana il-garaxx. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tillikwida kumpens *arbitrio bon viri*.

**Id-Dar Matrimonjali**

Il-Qorti rat illi mill-atti jidher li d-dar matrimonjali 366, Ave Maria, Triq il-Kanun Santa Venera inxtrat mill-partijiet fiz-zwieg permezz ta' kuntratt datat 17 ta' April 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami. Illi jidher li l-partijiet kienu akkwistaw dan il-fond permezz ta' loan mal-HSBC Bank, liema loan huwa llum mhallas kompletament. Illi l-fond in kwistjoni, gie stimat illi

ghandu valur ta' EUR 350,000. Il-Qorti rat illi l-attrici qieghda tipproponi illi d-dar matrimonjali tinbiegh, izda sakemm dina tinbiegh, l-attrici flimkien ma' uliedha tigi awtorizzata tirrisjedi fl-istess dar matrimonjali u dan ad esklusjoni  tal-konvenut.

Wara li din il-Qorti qieset is-snin shah ta' sofferenzi u turbolenza li soffrew l-attrici u uliedha, din il-Qorti tqis li ghandha tilqa' t-talba tal-attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' uliedha tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad esklusjoni tal-intimat. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar minn din is-sentenza  u tawtorizza lill-attrici tbiddel is-serratura tal-imsemmi fond. Illi l-Qorti tordna illi l-imsemmi fond ghandu jitpogga ghall-bejgh hekk kif il-minuri taghlaq it-23 sena, b'dana illi kwalunkwe spejjez relatati mal-bejgh tad-dar matrimonjali ghandhom jigu inkorsi fi kwot ugwali bejn il-partijiet. F'kaz li l-konvenut jonqos milli jhallas sehmu mill-istess spejjez, din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tinkorri l-istess spejjes bi dritt ta' rivalsa jekk ikun il-kaz minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Ir-rikavat, ghandhu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet u wara dan, minn sehem l-intimat jitnaqqsu s-segwenti, u liema ammont ghandhom jizdiedu ma' sehem l-attrici mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali:

- L-ammont dovut mill-intimat in kwantu arretrati ta' manteniment u spejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari;
- Jigi likwidat il-manteniment ghall-minuri NY sakemm l-istess minuri taghlaq l-eta ta' 18- il sena fl-ammont ta' EUR 500 fix-xahar;
- L-ammont ta' EUR 381 rapprezentanti krediti tat-taxxa dovuti lill-attrici fuq id-dhul taghha li rcieva l-konvenut bhala *head of household*;
- L-ammont ta' EUR 509.39 rapprezentanti sehem il-konvenut mill-kont tal-ARMS li hallset l-attrici u liema ammont ghandu jigi rimborzat lill-attrici;
- L-ammont ta' EUR 352.68 rapprezentanti somma li hallset l-attrici rigward servizz tal-Go plc, u li minnu baqa jibbenefika minnu l-konvenut, u liema ammont ghandu jigi rimborzat lill-attrici;
- L-ammont ta' EUR 35,000 rapprezenatnti nofs l-ammont li l-konvenut nefaq fil-vizzju tad-droga u loghob tal-azzard;

Il-Qorti tordna illi kwalsiasi l-kontijiet dovuti ghas-servizzi ta' dawl u ilma, manutenzjoni tal-imsemmi fond, home insurance, dawk tal-internet, telephone, television, etc ghandhom ikunu a karigu tal-attrici mid-data tal-izgumbrament tal-intimat kif ordnat f'din is-sentenza, stante li l-istess attrici ser tkun qieghda tabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tal-intimat.

**Mobbli:**

Illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tichad it-tieni talba f'dana l-istadju, izda in vista tac-cirkostanzi li waslu ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet, din il-Qorti tirriserva lill-attrici id-dritt li titlob manteniment minghand l-intimat f'kaz ta' bzonn, u dan kuntrarjament ghall-intimat li kif rilevat aktar qabel, stante li huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg u ghaldaqstant ddekada minn tali dritt;**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri NY ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attrici omm, b'dana illi l-attrici hija awtorizzata tiehu dawk id-decisjonijiet kollha relatati mas-sahha, mal-hrug tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri, u dana minghajr il-kunsens, il-firma jew prezenza tal-konvenut;**

4. **Tilqa' ir-raba talba attrici u tordna illi l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun ta' hames mitt Ewro fix-xahar (EUR 500) liema retta alimentari tinkludi sehem l-intimat relattiv ghall-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment ghandu jigi likwidat bhala lump sum sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' 18- il sena u cioe fl- 4 ta' Jannar tas-sena 2025, u liema ammont ghandu jitnaqqas minn sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali. Ulterjorment din il-Qorti tordna illi f'kaz li l-minuri tibqa' tistudja fuq bazi full-time sal-eta ta' 23 sena, l-intimat qieghed jigi ordnat ihallas manteniment mensili fl-ammont ta' EUR 500 kull xahar, li ghandu**

**jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew beneficcju jew dhul iehor tal-konvenut u imhallas direttament lill-attrici f'kont bankarju tal-ghazla tar-rikorrenti. F'kaz li dan il-manteniment ma jithallasx daparti tal-intimat, l-ammont dovut ghandu jigi mnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.**

5. **Tilqa' il-hames talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' EUR 11, 554, liema somma, qieghda tigi likwidata bhala lump sum, u ghandha titnaqqas flimkien mal-manteniment dovut minn sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali gialadarba din tinbiegh.**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li din hija sorvolata in vista ta' dak deciz fir-raba talba;**

7. **Tilqa' is-seba' talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli**;

8. **Tilqa' it-tmien talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod**;

   i. **Tordna illi il-partijiet ghandhom jigu assenjati dik il-vettura li fil-prezent qieghda fil-pussess taghhom, b'dana illi kull parti ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra ezistenti fil-konfront ta' dik l-istess vettura.**
   ii. **Illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom u dana fi zmien xahar minn din is-sentenza.**
   iii. **Tassenja id-dejn fl-ammont ta' hames mija, seba' u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (EUR 587.34) dovut lill-ARMS esklussivament lill-intimat.**
   iv. **Tordna u tawtorizza lill-attrici tirrisjedi fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-intimat b'dana illi l-intimat ghandu jizgombra mid-dar**

**matrimonjali entro xahar mid-data ta' din is-sentenza. Illi l-Qorti tordna illi l-imsemmi fond ghandu jitqieghed ghall-bejgh hekk kif il-minuri taghlaq it-23 sena, b'dana illi kwalunkwe spejjez relatati mal-bejgh tad-dar matrimonjali ghandhom jigu inkorsi fi kwoti ugwali bejn il-partijiet. F'kaz li l-konvenut jonqos milli jhallas sehmu mill-istess spejjez, din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tinkorri l-istess spejjes bi dritt ta' rivalsa jekk ikun il-kaz minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali. Ir-rikavat, ghandhu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet; u wara, minn sehem l-intimat jitnaqqsu s-segwenti, liema ammonti ghandhom jizdiedu ma' sehem l-attrici mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali:**

- **L-ammont dovut mill-intimat in kwantu arretrati ta' manteniment u spejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari;**
- **Jigi likwidat il-manteniment ghall-minuri Nilayza sakemm l-istess minuri taghlaq l-eta ta' 18- il sena fl-ammont ta' EUR 500 fix-xahar;**
- **L-ammont ta' EUR 381 rapprezentanti krediti tat-taxxa dovuti lill-attrici fuq id-dhul taghha li rcieva l-konvenut bhala *head of household*;**
- **L-ammont ta' EUR 509.39 rapprezentanti sehem il-konvenut mill-kont tal-ARMS li hallset l-attrici u liema ammont ghandu jigi rimborzat lill-attrici;**
- **L-ammont ta' EUR 352.68 rapprezentanti somma li hallset l-attrici rigward servizz tal-Go plc, u li minnu baqa jibbenefika minnu l-konvenut, u liema ammont ghandu jigi rimborzat lill-attrici;**
- **L-ammont ta' EUR 35,000 rapprezenatnti nofs l-ammont li l-konvenut nefaq fil-vizzju tad-droga;**

**v. Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti:**
**Tassenja dawk il-kontijiet intestati fuq isem l-attrici, lill-attrici;**
**Tassenja dawk kontijiet intestati fuq isem il-konvenut lill-istess konvenut;**

**9. Tilqa' id-disa' talba tal-attrici u tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet**

**sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom entro xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

10. **Tinnomina lil Dr Lisa Schembri bhala Nutar u lil Dr Rodianne Sciberras bhala Kuratur u sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva;**

11. **Tilqa' il-hdax–il talba tal-attrici u tawtorizza lill-attrici flimkien ma' uliedha tirrisjedi fid-dar matrimonjali 366 Ave Maria, Triq il-Kanun Santa Venera u dan ad esklusjoni tal-konvenut u dan sakenmm il-minuri tghalaq it-tlieta u ghoxrin (23) sena. Illi ghalhekk tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u tawtorizza lill-attrici tbiddel is-serratura tal-imsemmi fond.**

12. **Tilqa' it-tnax il-talba tal-attrici u tawtorizza lill-istess tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'C';**

.

13. **Tilqa' it-tlettax il-talba tal-attrici u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**